

V

(Avviżi)

**PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI****IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Avviż lill-operaturi ekonomiċi****Sensiela ġdida ta' talbiet għas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali u agrikoli**

(2023/C 122/06)

L-operaturi ekonomiċi huma infurmati li l-Kummissjoni rċeviet talbiet skont l-arranġamenti amministrattivi previsti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi (2011/C363/02) <sup>(1)</sup> għas-sensiela ta' Jannar 2024.

Il-lista tal-prodotti li għalihom qed tintalab sospensjoni tat-tariffa issa hija disponibbli fuq il-websajt tematika tal-Kummissjoni (Europa) dwar l-unjoni doganali <sup>(2)</sup>.

L-operaturi ekonomiċi huma infurmati wkoll li l-iskadenza għall-oġġezzjonijiet kontra t-talbiet ġodda għandhom jaslu għand il-Kummissjoni, permezz tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, hija s-16 ta' Ġunju 2023, li hija d-data tat-tieni laqgħa skedata tal-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja

L-operaturi interessati huma avżati biex jikkonsultaw il-lista b'mod regolari sabiex ikollhom informazzjoni dwar kif tkun is-sitwazzjoni fejn jidħlu t-talbiet.

Aktar informazzjoni dwar il-proċedura tas-sospensjonijiet tat-tariffi awtonomi tinsab fuq il-websajt Europa:

Suspensions (Autonomous Tariff Suspensions) ([europa.eu](http://europa.eu))

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.

<sup>(2)</sup> Suspensions - Home Page ([europa.eu](http://europa.eu))